MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 744/2000/1

**Vica Limited**

**v.**

**Kummissarju tal-Artijiet u**
**l-Avukat Generali tar-Repubblika**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

**1.** Dawn huma zewg appelli: wiehed ad istanza tas-socjeta` rikorrenti Vica Ltd u l-iehor ad istanza tal-intimat il-Kummissarju tal-Artijiet.

**2.** Permezz tal-appell taghha s-socjeta` rikorrenti Vica Ltd qed titlob lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-27 ta' Jannar 2009 u filwaqt li tikkonferma s-sejba ta' ksur ta' dritt tagha kif protett mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni konsistenti fid-dewmien ghal hlas ta' kumpens ghall-proprjeta` espropriata, tiddikjara ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni wkoll minhabba n-nuqqas ta' interess pubbliku ghal porzjonijiet divizi mill-istess art esproprijata konsistenti fin-nuqqas ta' uzu tal-istess porzjonijiet u anke l-okkupazzjoni ta' porzjoni minn din l-art minn terzi privati; tirriformaha wkoll billi ssib ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kemm ghaliex hija ma nghatatx smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli kif ukoll ghaliex hija giet imcahhda minn access ghal tribunal ghad-determinazzjoni tad-drittijiet taghha; tirriformaha billi thassar id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fejn din illiberat lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju u konsegwentement tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali u tiddikjarah legittimu kontradittur; in oltre tirriformaha billi taghti dak ir-rimedju li huwa adegwat, effettiv u li jipprovdi riparazzjoni ghad-danni sofferti mis-socjeta` appellanti b'konsegwenza tat-trapass ta' zmien kif ukoll b'konsegwenza tan-nuqqas ta' interess pubbliku ghal uhud mill-porzjonijiet tal-imsemmija art, tillikwida l-kumpens dovut lilha ghat-tehid tal-istess proprjeta`, ghat-trapass ta' zmien li giet imgeghla tistenna ghal tali kumpens, ghac-cahda ta' access ghal tribunal u ghat-tehid ta' partijiet mill-proprjeta` li ma gewx uzati u taghti dawk ir-rimedji l-ohra li jidhrilha xierqa u opportuni. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat.

**3.** Permezz tal-appell tieghu il-Kummissarju tal-Artijiet qed jitlob lil din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-27 ta' Jannar 2009 fejn l-Avukat Generali gie illiberat mill-osservanza tal-gudizzju u thassar u tirrevoka l-kumplament tas-sentenza u minflok tichad it-

talbiet tas-socjeta` Vica Ltd. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

**<u>Ir-rikors kostituzzjonali ta’ Vica Ltd:</u>**

**4.** Fir-rikors taghha s-socjeta` Vica Ltd esponiet:
“- 1- Illi hija akkwistat b’titolu ta’ enfitewsi perpetwa:

“(1) l-ghalqa denominata “Ta’ taht il-Gnien Santa Venera” sive “Ta’ Misrah il-Barrieri” fil-kontrada ta’ Misrah il-Barrieri jew ta’ Triq il-Harrub limiti ta’ Santa Venera u

“(2) tliet kwarti indivizi ta’ terran ta’ cirka erbat itmiem, li dari kien attraversat mil-linja tal-ferrovija u segregat mill-ghalqa imsejha “Ta’ Misrah il-Barrieri” li tinsab fil-kontrada omonima, fil-limiti ta’ Santa Venera, permezz ta’ kuntratt datat 29 ta’ Novembru 1969 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt kopja ta’ liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok A;

“-2- Illi parti kbira mill-fuq imsemmija proprjeta` ttiehdet mill-pussess tas-socjeta` esponenti permezz ta’ Dikjarazzjoni tal-President fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta’ Mejju 1975 (Avviz Nru. 333). Fid-dikjarazzjoni in kwistjoni il-proprjeta` tal-esponenti giet deskritta kif gej:

“bicca art tal-kejl ta’ 1 tomna, 1 siegh u 6.25 kejliet (1428 metri kwadri) tmiss mit-Tramuntana ma’ Triq il-Ferrovija, mil-Lvant ma’ proprjeta` tal-Knisja Parrokjali ta’ San Pawl tal-Belt Valletta u mill-Punent ma’ proprjeta` tad-ditta Bugeja Brothers;

bicca art tal-kejl ta’ 1 tomna u 9.15 kejliet (1302.3 metri kwadri), tmiss mit-Tramuntana ma’ Triq il-Ferrovija u mil-Lvant u mil-Lbic ma’ proprjeta` tad-ditta Bugeja Brothers,

bicca art tal-kejl ta’ 1 tomna, 3 sighan, u 7.13 kejliet (1819.7 metri kwadri) li tmiss minn Nofs in-Nhar ma’ Triq il-Ferrovija, mil-Lvant ma’ proprjeta` tad-ditta Bugeja Brothers u mill-Majjistral ma’ proprjeta` tal-werrieta ta’ Helen Maria u Carmela, ahwa Grech;

“-3- Illi llum ghaddew aktar minn ghoxrin sena u l-intimati ghadhom ma istitwew l-ebda proceduri relattivi ghall-hlas tal-kumpens li jaghmel tajjeb ghad-deprivazzjoni tal-proprjeta` tal-esponenti;

“-4- Illi dan l-agir tal-intimati jammonta ghal ksur tad-drittijiet fundamentali tas-socjeta` esponenti peress illi:

“(a) l-ewwelnett huma naqsu li, fi zmien ragjonevoli, jiddeciedu fir-rigward tal-kumpens dovut lis-socjeta` esponenti ghad-deprivazzjoni mill-proprjeta` taghhom u sussegwentement jghaddu ghall-hlas ta’ dan l-istess kumpens u ghaldaqstant qeghdin jilledu d-dritt tal-esponenti ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli kif protett mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem;

“(b) it-tieni nett, huma naqsu li jikkompensaw lill-esponenti bil-valur tal-proprjeta` li huma esproprjaw mill-pussess taghha u ghaldaqstant qeghdin jilledu d-dritt fundamentali tas-socjeta` esponenti kif protett mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-Bniedem;

“Ghaldaqstant l-esponenti qeghdha titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti dawk l-ordinijiet u dawk id-direttivi biex tassigura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali protetti bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u bl-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni Ewropea kif ukoll bl-Artikoli 37 u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u fosthom billi:

1. “tiddikjara u tiddeciedi illi tali dewmien kif fuq deskritt jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif protetti mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll bl-Artikoli 37 u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

2. “taghti zmien qasir u perentorju ghall-hlas tal-kumpens dovut lill-esponenti ghad-deprivazzjoni mill-proprjeta` taghha;

3. “taghti kull rimedju iehor necessarju u opportun biex jigu protetti d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif fuq inghad.

**Ir-Risposta tal-Kummissarju tal-Artijiet u tal-Avukat Generali:**

**5.** Fir-risposta taghhom l-intimati esponew:
“-1- Preliminarjament illi l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur f’din il-kawza stante illi hu ma jaghti ebda kumpens meta art tkun espropriata ghal skop pubbliku u stante wkoll dak li jipprovdi l-Artikolu 181B tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili li l-Avukat Generali jkun legittimu kontradittur biss meta minhabba n-natura tat-talba ma tkunx tista’ tigi indirizzata lejn hadd iehor. Fil-kaz odjern jidher li hemm hadd iehor li jista’ jirrispondi u ghaldqastant l-Avukat Generali ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez.

“-2- Preliminarjament ukoll din l-Onorabbli Qorti hija mistiedna li tezercita d-diskrezzjoni taghha u tiddeklina li tisma’ din il-kawza u dan ai termini tal-proviso tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-proviso tal-Artikolu 4 tal-Kap 319 stante li jezistu rimedji ordinarji ghat-talbiet tar-rikorrenti. Skont l-Artikolu 469A tal-Kap 12, paragrafu (b) sub paragrafu (ii), il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ghandha gurizdizzjoni li tissindaka att amministrattiv:

“*meta l-awtorita` pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-ghemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta’ qabel dwar dak l-ghemil*.”

Fir-rikors promotorju qed jigi allegat li kien hemm zmien irragonevoli biex il-Kummissarju tal-Artijiet johrog in-Notice to Treat. Issa l-Artikolu 12(1) tal-Kap 88 jghid:
“*With the declaration served under subsection (2) of section 9 or as soon thereafter as may be practicable, the*

*competent authority shall give to the owner a notice (hereinafter referred to as a notice to treat) by means of a judicial act….*"

Isegwi ghalhekk li jekk ir-rikorrent jidhirlu li din in-notice to treat damet ma harget, seta' fetah kawza ordinarja quddiem il-Prim' Awla biex isir l-istharrig gudizzjarju tal-azzjoni amministrattiva.
"-4- (sic) Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, it-tehid tal-proprjeta` sar qabel l-1987 u ghalhekk l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea mhux applikabbli u dan minhabba dak li hemm provdut fl-artikolu 7 tal-Kap 319 waqt illi Kap 88 huwa salvagwardjat ukoll bl-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni.

"-5- (sic) Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni m'humiex applikabbli ghall-kaz odjern stante li ma jezistu ebda proceduri quddiem xi tribunal, bord jew Qorti, izda hija biss azzjoni amministrattiva li qed tkun impunjata.

"-6- (sic) Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, ma jezisti ebda ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jew tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem ghaliex il-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghal tali kumpens u barra dan jinghataw l-interessi wkoll meta jithallas dan il-kumpens. Mela ma jonqos ebda wiehed mill-elementi li jidhru f'dawn iz-zewg artikoli.

"-7- (sic) Ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara li ma ssib l-ebda lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti u tichad it-talbiet kollha taghhom.

"Bl-ispejjez.

<u>**Decizjoni tal-ewwel Qorti:**</u>

<u>D1*:* Fatti tal-kaz</u>

**6.** L-ewwel Qorti spjegat kif il-partijiet qablu dwar il-fatti tal-kaz izda ma qablux dwar ir-rimedji applikabbli. Spjegat

li l-fatti huma dawn: Vica Ltd akkwistat l-ghalqa denominata Ta’ taht il-Gnien Santa Venera” sive “ta’ Misrah il-Barrieri” fil-kuntrada ta’ Misrah il-Barrieri jew ta’ Triq il-Harrub, limiti ta’ Santa Venera permezz ta’ kuntratt tad-29 ta’ Novembru 1969 fl-atti tan-Nutar Dr Anthony Gatt. Partijiet minn din l-art ittiehdu permezz ta’ esproprijazzjoni li gie dikjarata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta’ Mejju 1975 (Avviz Numru 333), b’kollox 4550 metri kwadri. L-artijiet mertu tal-kawza huma koperti b’zewg dikjarazzjonijiet Presidenzjali, wahda li harget fil-15 ta’ April 1969 u l-ohra fil-15 ta’ Mejju 1975. Wara l-avviz tal-1975 ma nbdew l-ebda proceduri biex is-socjeta` Vica Ltd tigi mhallsa ghall-kumpens dovut lilha. Fi Frar 1980 hargu notifiki tal-President akkumpanjati min-Notice to Treat pero` minkejja l-ittra responsiva tal-Vica Ltd ma nbdew l-ebda proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg tal-Artijiet. Fl-2000 kien hemm proceduri quddiem il-Bord fir-rigward tal-plot 6B. Gew irrilaxxjati plot 6G u 4A[1]. Id-dipartiment tal-Artijiet isostni li ma setax jirrilaxxja artijiet qabel l-awtorizzazzjoni tad-Dipartiment tat-Toroq. Ma ntlahaq l-ebda ftehim finali.

<u>D2: L-ilment tar-Rikorrenti</u>

**7.** L-ewwel Qorti tispjega kif is-socjeta` Vica Ltd qed tilmenta minhabba l-fatt li minn mindu ttiehdet l-art sa ma gew istitwiti l-proceduri quddiem il-Bord ghall-kumpens (25 sena wara) hija sofriet pregudizzju sostanzjali, u dan billi tilfet l-uzu u l-pussess ta’ diversi plots ta’ art u kwalunkwe beneficcju minn pjanijiet kummercjali li kellha fuq dawn l-artijiet, u tilfet anke l-kumpens ghal tali tehid billi sa llum baqghet minghajr kumpens ghall-espriopriazzjoni.

**8.** Is-socjeta` rikorrenti Vica Lta sostniet li kellha tibda’ proceduri gudizzjarji kontra terzi – il-Phoenix Domestic Appliances Ltd – (68/03JRM) minhabba li l-plot 6G, li kien ghand il-Gvern taht proceduri ta’ esproprijazzjoni, gie okkupat mill-istess Phoenix Domestic Appliances Ltd.

[1] Skont id-dikjarazzjoni li dehret fil-Gazzetta tal-Gvern fit-13.04.2004 (fol 102-103) il-plots li gew rilaxxjati huma 6G u 4D (mhux 4A)

D3: L-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur

**9.** L-ewwel Qorti dwar din l-eccezzjoni tal-Avukat Generali irriteniet illi ghalkemm huwa l-Avukat Generali li jirrapprezenta lill-istat, jekk hemm persuna specifika mghobbija bir-responsabbilita` tal-haga ma jibqax iktar l-Avukat Generali izda jkun il-kap tad-Dipartiment tal-Gvern inkarigat fil-materja in kwistjoni li jirrapprezenta fl-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji. F'dan il-kaz l-azzjoni hija diretta kontra l-Kummissarju tal-Artijiet u l-operat tieghu u ghalhekk l-ewwel Qorti sabet li hija gustifikata l-eccezzjoni tal-Avukat Generali li t-talba setghet tigi indirizzata lejn haddiehor biex jirrispondi ghat-talba. Konsegwentement illiberat lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju.

D4: Proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 4 tal-Kap 319

**10.** Il-Kummissarju tal-Artijiet fir-risposta tieghu stieden lill-ewwel Qorti tiddeklina milli tisma' l-kawza ai termini tal-proviso tal-Artikolu 46(2) u tal-Artikolu 4 tal-kap 319 minhabba li jezistu rimedji ordinarji ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti. Il-Kummissarju dehrlu li jekk is-socjeta` rikorrenti dehrlu li n-Notice to Treat damet ma harget seta fetah kawza quddiem il-Prim' Awla biex isir stharrig tal-azzjoni amministrattiva skont l-Artikolu 469A tal-Kap 12.

**11.** L-ewwel Qorti irriteniet li dan il-proviso mhux wiehed li jista' jittiehed b'mod laxk u kappriccuz, izda min-naha l-ohra l-Qorti ghandha l-obbligu li f'certi cirkostanzi tirrifjuta li tezercita s-setghet taghha meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna. L-ewwel Qorti wara li kkunsidrat l-aspetti li jridu jigu ezaminati fil-kawza kostituzzjonali ikkonkludiet li ma ghandhiex tapplika l-proviso tal-Artikolu 46(2) u tal-Artikolu 4 tal-Kap 319 minhabba li r-rimedji ordinarji mhux sufficjenti ghal ezami u decizjoni tal-aspetti kollha sollevati mis-socjeta` rikorrenti.

D5: Interess pubbliku jew skop pubbliku:

**12.** L-ewwel Qorti irriteniet li huwa necessarju li jsir ezami minnha tal-kuncetti ta' interess pubbliku u skop pubbliku u l-implikazzjonijiet li dawn jista' jkollhom fuq it-tehid ta' proprjeta` li jinsab protett taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

**13.** L-ewwel Qorti ghamlet ezami estensiv tad-decizjonijiet tal-Qrati Maltin kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fuq is-suggett u ssintesizzat il-pozizzjoni dwar l-aspett ta' interess pubbliku hekk:

Biex it-tehid ta' proprjeta` jkun lecitu jrid ikun fl-<u>interess pubbliku</u> u mhux ghal skop pubbliku. Ma jiddependix jekk l-oggett huwiex ta' interess pubbliku izda jekk hux fl-interess pubbliku li l-Istat jakkwista dik il-proprjeta`. Irid ikun hemm interess ghall-generalita` tac-cittadini, tal-universalita` tal-pubbliku fl-istat. Il-harsien tal-proprjeta` privata hija wkoll fl-interess pubbliku. Wiehed irid izomm il-"fair balance" between the demand of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. (Sporrong & Lonnroth vs Sweden – 1982). Ghalkemm il-privazzjoni tal-proprjeta` privata tista' ssir ghall-utilita` pubblika dan ghandu dejjem ikun interpretat ristrettivament. Il-privazzjoni tal-proprjeta` ghandha ssir taht kundizzjonijiet ben definiti. Hemm bzonn li jkun hemm ekwilibrju realistiku bejn id-drittijiet tal-proprjetarju u l-esigenzi tal-kollettivita` u m'ghandhiex il-persuna esproprjata tissubixxi sagrificcju partikolari u ezorbitanti. L-interess pubbliku jrid ikun gie identifikat b'mod konkret. Id-dikjarazzjoni tal-President u proceduri konnessi huwa biss l-ewwel stadju fil-process tal-esproprjazzjoni. Dan il-process jintemm meta jsir il-kuntratt tat-trasferiment. Id-dikjarazzjoni tal-President tkun legali u mhux nulla jekk ma jibqax jezisti l-interess pubbliku izda meta jispicca dak l-interess ma tibqax aktar legittima.

<u>D6. Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta:</u>

**14.** Il-Kummissarju tal-Artijiet sostna li l-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta hu salvagwardjat bl-Artikolu 47(9) tal-

Kostituzzjoni u ghalhekk l-allegazzjoni tas-socjeta` rikorrenti bl-ebda mod ma tista' titqies li tmur kontra l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

**15.** L-ewwel Qorti ikkunsidrat l-implikazzjonijiet tal-Artikolu 47(9)(d) tal-Kostituzzjoni minhabba li dan is-sub Artikolu jeskludi mill-applikazzjoni tal-istess Artikolu dik il-ligi li "*ma tipprivax xi persuna minn xi dritt bhal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) jew (c) tal-Artikolu 37(1) ta' din il-Kostituzzjoni*." L-ewwel Qorti irreferiet b'mod partikolari ghad-drittijiet imsemmija fis-sub Artikolu 37(1)(b) tal-Kostituzzjoni li huma:
"*li tizgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' access lil Qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li ghalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb hlas ta' dak il-kumpens.*"

**16.** L-ewwel Qorti hasset li d-dritt li gie michud lis-socjeta` rikorrenti mill-intimat huwa precizament dak id-dritt imsemmi fil-paragrafu (b) tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

<u>D7: L-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Kap 319</u>

**17.** Is-socjeta` rikorrenti Vica Ltd sostniet li l-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Ligi ta' Malta permezz tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319) huwa applikabbli ghall-kaz in ezami.

**18.** L-Qorti osservat li t-tehid tal-proprjeta` in kwistjoni mhux fatt li sehh darba biss izda baqa' ghaddej sal-lum u ghadu ma giex finalizzat il-kuntratt ta' trasferiment u anqas il-hlas tal-kumpens dovut lis-socjeta` rikorrenti. Dawn il-fatti sehhew u baqghu isehhu wara d-data li l-Kap. 319 dahal fis-sehh.

**19.** F'dan l-istadju l-ewwel Qorti regghet irriproduciet l-istess ezami li ghamlet taht it-titolu "<u>D:5 Interess pubbliku jew skop pubbliku</u>". (fil-fatt il-pagni 25-46 tas-sentenza gew riprodotti fil-pagni 51 sa 69 tal-istess sentenza, bid-differenza li f'din il-parti (D7) il-Qorti spjegat li dawn il-pagni huma kollha mehudin minn sentenza ohra taghha

moghtija fis-7 ta' April 2005 fl-ismijiet J Lautier Co Ltd vs Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Generali tar-Repubblika (Rik. Nru. 30/03FS).

**20.** L-ewwel Qorti imbaghad ziedet tghid li huwa car li s-socjeta` rikorrenti ttiehdetilha l-proprjeta` u ma nghatatx il-kumpens dovut lilha ghal numru ta' snin b'mod li dan certament jinkappa ma dak li jghid l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-principju huwa dejjem li l-proprjeta` tittiehed fl-interess pubbliku izda jrid necessarjament ikun jezisti dak l-interess pubbliku u jsir il-kumpens dovut.

**21.** Dwar l-argument tal-Kummissarju tal-Artijiet li t-tehid tal-proprjeta` sar qabel l-1987 u ghalhekk l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea mhux applikabbli, l-ewwel Qorti irriteniet li qabel ma jkun sar it-trasferiment finali wiehed ma jistax jitkellem fuq esproprjazzjoni veru u proprja. Ghalhekk l-ewwel Qorti sabet li peress li l-kuntratt ghadu ma sarx, dak li sar wara l-1987 jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea.

D8: L-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**22.** Dawn l-Artikoli jirrigwardaw id-dritt ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli.

**23.** L-ewwel Qorti irreferiet ghal sentenza moghtija minnha stess fl-14 ta' Gunju 2002: **Balzan v. Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku** u kkwotat diversi pagni minnha (fol 71-79 ta' din is-sentenza odjerna) li jirrigwardaw decizjoniijet tal-Qrati Maltin u Ewropej fir-rigward ta' dawn l-Artikoli.

**24.** L-ewwel Qorti imbaghad ikkonkludiet li l-agir tal-Kummissarju tal-Artijiet ma jistax jitqies bhala wiehed ta' Qorti jew awtorita` ohra gudikanti, u spjegat li jifdal dejjem li l-proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg Dwar l-Artijiet huma koperti mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghal dak li sar quddiem il-Bord.

D9: Rimedju

**25.** L-ewwel Qorti irriferiet ghan-nota tas-socjeta` rikorrenti fejn hija talbet:
“(1) li tinghata dikjarazzjoni li d-dewmien jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet taghha kif protetti mill-Artikolu 37 u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

“(2) li tinghata lura l-plots ta’ art li ghadhom ma gewx utilizzati u jigi ordnat hlas ta’ danni ghal tali tehid billi zvesta lis-socjeta` rikorrenti minn kwalunkwe pussess u uzu;

“(3) li fir-rigward tal-plots li gew utilizzati d-Dipartiment jigi dikjarat responsabbli ghal dannu li kkaguna fil-konfront taghha billi minkejja t-trapass ta’ hamsa u ghoxrin sena ma inghatat l-ebda kumpens, anzi matul dawn is-snin hija kienet imgieghla mid-direttarju tac-cens perpetwu fuq dawn il-plots biex thallas lill-istess ic-cens ghas-snin kollha.”

**26.** L-ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda kummenti f’dan ir-rigward.

**Konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti:**

**27.** L-ewwel Qorti:
“Wara li laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju;

“Wara li cahdet it-tieni eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet a bazi tal-Proviso tal-Artikolu 46(2);

“Cahdet ir-raba’ eccezzjoni fuq l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol u n-nuqqas tal-applikabilita` tieghu minhabba l-Artikolu 7 tal-Kap 319 u l-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni ghar-ragunijiet imsemmija f’D6 (dwar l-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni) u D7 (dwar l-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol);

"Dwar il-hames eccezzjoni li l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(2) mhux applikabbli ghall-kaz odjern, hija ddikjarat li dawn fil-fatt mhux applikabbli ghall-operat tal-Kummissarju tal-Artijiet ghalkemm huma "*naturalment applikabbli ghal dak li qed isir quddiem il-Bord tal-Arbitragg Dwar l-Artijiet*."

"Dwar it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taghha:

"Iddikjarat li hemm dewmien li jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali taghha kif protetti mill-Ewwel Protokol tal-Ewwel Artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni (inkluz id-dewmien mill-Bord a tenur tal-Artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

"Issollecitat lill-Bord tal-Arbitragg Dwar l-Artijiet biex jikkompleta l-proceduri fl-iqsar zmien possibbli u tordna li l-hlas isir fi zmien ragjonevolment qasir in segwitu tad-decizjoni.

"Spejjez kontra l-intimat Kummissarju tal-Artijiet, hlief dawk relattivi ghall-Avukat Generali li jibqghu a karigu tas-socjeta` rikorrenti."

**Rikors tal-Appell tas-socjeta` rikorrenti Vica Ltd: (06.02.2009)**

L-ewwel aggravju: *Vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni fil-konfront tal-artijiet mhux utilizzati*

**28.** Is-socjeta` Vica Ltd tilmenta li l-ewwel Qorti naqset li tikkunsidra l-pozizzjoni tal-intimati fil-konfront ta' dawk l-artijiet li thallew inutilizzati jew li gew okkupati minn terzi. Hija tissottometti illi dan il-fatt jammonta fih innifsu ghal vjolazzjoni tad-dritt ghad-tgawdija tal-proprjeta` kif protett fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ghaliex kien jonqos l-element tal-interess pubbliku.

<u>It-tieni aggravju</u>: *Vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni*

**29.** Is-socjeta` Vica Ltd ma taqbilx man-nuqqas ta' sejba ta' vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli ghar-ragunijiet li gejjin: fl-ewwel lok ghaliex il-bidu tal-proceduri in kwistjoni sehh mal-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-President fis-sena 1975 u ghadu ma giex konkluz, u fit-tieni lok ghaliex il-procedura fil-ligi ma kinitx tippermetti lill-esponenti tistitwixxi l-proceduri ghall-likwidazzjoni tal-kumpens u ghalhekk hija giet imcahhda mill-access ghal Qorti ghad-determinazzjoni tad-drittijiet taghha.

**30.** Hija ssostni li n-nuqqas ta' determinazzjoni tad-drittijiet taghha u c-cahda lilha ta' access ghal awtorita` gudizzjarja sabiex tiddetermina u tillikwida l-kumpens dovut lilha tikkositiwixxi vjolazzjoni tad-dritt taghha kif protett fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

<u>It-tielet aggravju</u>: *L-Avukat Generali huwa l-Legittimu Kontradittur*

**31.** Is-socjeta` Vica Ltd tissottometti li meta l-ewwel Qorti qieset l-eccezzjoni mressqa mill-Avukat Generali hija ma kinitx qeghda tikkunsidra l-allegati ksur kollha u cioe` naqset milli tikkunsidra l-ksur tad-dritt taghha ghal access ghal Qorti jew tribunal sabiex ikun jista' jigi determinat id-dritt taghha ghal kumpens hekk kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**32.** Hija tispjega li ghalkemm huwa minnu li jekk hemm dipartiment tal-Gvern li jista' jirrispondi ghal talba maghmula quddiem Qorti huwa l-kap tad-dipartiment li ghandu jirrispondi u li ghandu jigi mharrek, izda ma jkun hadd hlief l-Avukat Generali li jista' jirrispondi ghall-allegazzjoni tan-nuqqas ta' access ghal Qorti jew tribunal ghad-determinazzjoni ta' drittijiet fejn dan in-nuqqas huwa konsegwenza ta' ligi.

Ir-raba’ aggravju: *Rimedju*

**33.** Is-socjeta` Vica Lta tissottometti li r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti mhux wiehed adegwat, effettiv u li jgib ir-riparazzjoni, u dan ghaliex jindirizza biss il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet u jissollecitaha biss sabiex il-proceduri ma jdumux aktar u l-kumpens jithallas minghajr dewmien.

**34.** Hija tilmenta li dan ir-rimedju ma jindirizza bl-ebda mod id-danni veri li gew kawzati lilha per ezempju biz-zewg proceduri gudizzjarji li mhux biss ikkawzaw danni liliha konsistenti fi spejjez gudizzjarji u legali izda sahansitra t-telf tal-uzu ta’ proprjeta` li ghadha sa llum qeghda tigi uzata minn terzi u li ghaliha s-socjeta` esponenti qeghda tissielet fil-qrati civili. Tilmenta wkoll li lanqas gie meqjus it-trapass ta’ zmien u tispjega li l-kumpens li jigi likwidat mill-Bord ma jinkludix kumpens ghaz-zmien li l-proprjetarju ikun ilu jistenna biex jiehu dak il-kumpens.

**Rikors tal-Appell tal-intimat il-Kummissarju tal-Artijiet: (12.02.2009)**

L-ewwel aggravju: *l-interpretazzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-mument meta ssir l-esproprijazzjoni*

**35.** Il-Kummissarju tal-Artijiet isostni li l-interpretazzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-mument meta ssir l-esproprijazzjoni ma kinitx wahda korretta ghaliex l-azzjoni ta’ esproprijazzjoni hija wahda instantanea u mhux kontinwa. Jirreferi ghall-Artikolu 12(2) tal-Kap 88 li jipprovdi li wara li jghaddu erbatax-il gurnata mill-pubblikazzjoni tal-President fil-Gazzetta tal-Gvern, l-awtorita` kompetenti tista’ minghajr ebda formalita` tidhol fl-art u tiehu l-pussess taghha. Huwa ghalhekk isostni li l-esproprijazzjoni issir meta l-Gvern jezercita d-drittijiet tieghu taht dan l-artikolu u mhux mal-kuntratt finali.

**36.** Konsegwentement jargumenta illi peress li t-tehid sar qabel l-1987 l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol mhux applikabbli u dan minhabba dak li hemm provdut fl-

Artikolu 7 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk isostni li azzjoni ghal rimedju taht il-Kap 319 mhux proponibbli.

**37.** Dwar il-fatt li xi partijiet mill-art gew sussegwentement rilaxxjati, il-Kummissarju tal-Artijiet jargumenta li dan ma jfissirx li fil-mument tat-tehid, u cioe` wara li saret id-dikjarazzjoni u ghaddew l-erbatax-il gurnata impost mill-Kapitolu 88, it-tehid ma sarx fl-interess pubbliku.

It-tieni aggravju: *l-interpretazzjoni hazina tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-fatti tal-kaz odjern*

**38.** Il-Kummissarju tal-Artijiet jargumenta li dawn l-artikolu jirreferu ghal proceduri li jkunu gia` nbdew quddiem l-awtorita` gudizzjarja kompetenti u li jiehdu zmien biex jigu decizi finalment, u ma jirreferux ghal dewmien fl-ikkompletar ta' atti amministrattivi, u dan wisq anqas meta l-istess dewmien seta' jigi evitat bl-intavolar ta' kawza ghall-fissazzjoni ta' terminu mis-socjeta` Vica Ltd stess.

It-tielet aggravju: *l-interpretazzjoni hazina tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-fatti tal-kaz odjern*

**39.** Il-Kummissarju tal-Artijiet jissottometti li ma jistax jinghad li gew lezi d-drittijiet fundamentali tas-socjeta` Vica Ltd ghat-tgawdija tal-proprjeta` taghha u dan anke jekk il-kumpens xieraq ghadu ma giex stabbilit mill-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet. Ikompli jghid li huwa wara li jigi stabbilit il-kumpens xieraq, u cioe` wara li tinghata d-decizjoni tal-Bord, li jekk is-socjeta` Vica Ltd b'xi mod thoss li b'dik id-decizjoni gie lez xi dritt fundamentali taghha hija tista' tagixxi taht dawn l-artikoli biex tinghata r-rimedju opportun.

**40.** Izid jghid li apparti l-ammont li ser jigi ffissat mill-Bord bhala kumpens xieraq u gust, is-socjeta` Vica Ltd ser ukoll

tircievi l-ekwivalenti ta’ 5% bhala danni li jigi mhallas sa mid-data tal-physical taking over tal-art sal-hlas.

**Risposta tal-Appell tal-intimat il-Kummissarju tal-Artijiet u tal-intimat l-Avukat Generali tar-Repubblika ghall-Appell tas-socjeta` rikorrenti Vica Ltd: (18.02.2009)**

Dwar l-ewwel aggravju tas-socjeta` rikorrenti Vica Ltd:

**41.** L-esponenti jissottomettu li l-element ta’ “interess pubbliku” hija kwistjoni li trid tigi ezaminata u relatata mal-hin u z-zmien meta saret id-dikjarazzjoni tal-President. L-artijiet mertu tal-kawza huma koperti b’zewg dikjarazzjonijiet presidenzjali: wahda li harget fil-15 ta’ April 1969 u l-ohra fis-16 ta’ Mejju 1975. L-esponenti jissottomettu li dak iz-zmien l-artijiet ittiehdu ghal skop pubbliku u fl-interess pubbliku u dan sabiex isir progett ta’ toroq. Jargumentaw li l-fatt li xi artijiet gew sussegwentement rilaxxjati ma jfissirx li fil-mument tat-tehid (u cioe` wara d-dikjarazzjoni presidenzjali u t-trapass taz-zmien impost mill-Kap 88) it-tehid ma sarx fl-interess pubbliku.

Dwar it-tieni aggravju tas-socjeta` rikorrenti Vica Ltd:

**42.** L-esponenti jissottomettu li l-Artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jirreferux ghal dewmien fl-ikkompletar ta’ atti amministrattivi. Huma jissottomettu li stante l-komplikazzjoni tal-kaz, id-dewmien ma kienx wiehed irragjonevoli u tali dikjarazzjoni ghandha tikkostitwixxi *just satisfaction*.

Dwar it-tielet aggravju tas-socjeta` rikorrenti Vica Ltd:

**43.** L-esponenti jissottomettu li l-Artikolu 181B tal-Kodici tal-Organizzjazzjoni u Procedura Civili jipprovdi li l-Avukat Generali jirraprezenta l-Gvern biss f’dawk l-atti u azzjonijiet gudizzjarji meta n-natura tat-talba ma tkunx tista’ tigi diretta kontra xi wiehed jew iktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern; izidu jghidu li fil-kaz odjern

huwa car u inekwivoku li gialadarba l-Kummissarju tal-Artijiet huwa parti mill-kawza a tenur tal-istess artikolu, l-Avukat Generali fil-proceduri odjerni mhux il-legittimu kontradittur.

Dwar ir-raba' aggravju tas-socjeta` rikorrenti Vica Ltd:

**44.** L-esponenti jissottomettu li l-iskop tad-dispozizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali hu sabiex jigu stabbiliti *standards*: il-Qorti mhux obbligata li tistabblixxi danni f'dawn il-kazijiet li jirrigwardaw allegata vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali u meta jinghataw id-danni dan isir minhabba l-fattispecie tal-kaz partikolari.

**45.** Finalment jissottomettu li apparti l-ammont iffissat mill-Bord bhala kumpens gust u xieraq, is-socjeta` appellanti tircievi wkoll l-ekwivalenti ta' 5% bhala danni li jigi mhallas sa mid-data tal-*physical taking over* tal-art sal-hlas. Ghalhekk skont l-esponenti, is-socjeta` Vica Ltd ser tigi kkumpensata ampjament ghat-tehid tal-proprjeta` taghha.

**Risposta tal-appell tas-socjeta` rikorrenti Vica Ltd ghall-Appell tal-intimat il-Kummissarju tal-Artijiet: (26.02.2009)**

Dwar l-ewwel aggravju tal-intimat il-Kummissarju tal-Artijiet:

**46.** Is-socjeta` rikorrenti Vica Ltd tissottometti li l-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-ligi ta' Malta permezz tal-Kapitolu 319 tal-Ligijijiet ta' Malta huwa applikabbli ghall-kaz in ezami. Hija tispjega li l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni ma giet bl-ebda mod limitata jew restritta.

**47.** Inoltre izzid tghid li l-Artikolu 1513 kif emendat bl-Att XXVII tal-1976 huwa vjolattiv tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u li huwa obbligu tal-istat Malti li jassigura li l-ebda ligi ma tibqa' fis-sehh jekk hija vjolattiva tad-drittijiet rikonoxxuti. Hija tispjega li l-Kapitolu 319 jinnecessita li kwalunkwe ligi li tivvjola d-drittijiet

fundamentali ghandha tigi sindakata rigward in-nullita` taghha o meno fil-konfront tal-istess drittijiet fundamentali, u dan kemm jekk saret qabel, u anke jekk saret wara li gie promulgat l-Att XIV tal-1987. Hija tissottometti li l-istat Malti kien diga ffirma l-Protokol in kwistjoni fit-12 ta' Dicembru 1966 u ghalhekk qabel ma dahal fis-sehh l-Att XXVII tal-1976. Il-Qorti tirrileva li r-riferenza f'dan l-aggravju ghall-Artikolu 1513 u ghall-Att XXVII tal-1976 ma humiex pertinenti ghal dan il-kaz.

**48.** Issostni wkoll li gie ripetutament ritenut mill-qrati taghna u wkoll mill-Qorti Ewropea li l-att tal-esproprijazzjoni mhux wiehed instantanju izda huwa wiehed <u>kontinwu</u> sakemm jintemm il-process kollu u cioe` meta jsir il-kuntratt definittiv tat-trasferiment tal-art lill-Gvern, u taghmel riferenza ghal xi decizjonijiet. Ghalhekk hija tissottometti li l-konsegwenza diretta tad-dikjarazzjoni tal-esproprijazzjoni ghadha pendenti u in oltre targumenta li l-iskop pubbliku ma baqax jissussisti billi partijiet sostanzjali mill-art esproprijata ma intuzawx mill-Gvern u sahansitra thalliet tigi okkupata minn terzi. Di piu` tghid li t-trapass taz-zmien li ghadu ghaddej biex jigi konkluz il-process tal-esproprijazzjoni baqa' jsehh sa wara l-1987. Ghalhekk hija tinsisti li t-talba taghha ghal dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol ghandha tigi kkunsidrata billi l-fatti tal-kaz odjern jaqghu fl-ambitu tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta ratione temporis.

<u>Dwar it-tieni aggravju tal-intimat il-Kummissarju tal-Artijiet:</u>

**49.** Is-socjeta` rikorrenti Vica Ltd tissottometti li jmur kontra kull rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-persuna li wiehed jippretendi mhux biss li ghandha ggor il-piz tal-esproprju izda wkoll li sabiex l-awtorita` pubbliku toqghod mal-obbligi imposti fuqha bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea jrid ikun l-istess vittma li jistitwixxi proceduri biex jigi ffissat terminu li fih l-awtorita` pubblika ghandha taqdi d-dmirijiet taghha.

<u>Dwar it-tielet aggravju tal-intimat il-Kummissarju tal-Artijiet:</u>

**50.** Is-socjeta` rikorrenti Vica Ltd tissottometti li l-ewwel Qorti interpretat l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol b'mod gust u in linea ma' diversi decizjonijiet gia` decizi minn din l-Onorabbli Qorti kif ukoll mill-Qorti Ewropea. Hija ssostni li l-vjolazzjoni in kwistjoni hija wahda li tirrisolvi ruhha fuq il-kwistjoni li minkejja t-trapass ta' zmien ghadha ma nghatatx kumpens gust kif ukoll li naqas l-interess pubbliku fir-rigward ta' partijiet tal-art mehuda.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

Il-proprjeta` mertu tal-kawza:

**51.** Din il-kawza tikkoncerna proprjeta` Santa Venera li ttiehdet mill-pussess tas-socjeta` rikorrenti Vica Ltd permezz ta' dikjarazzjoni presidenzjali fis-16 ta' Mejju 1975.

**52.** Partijiet minn din l-art effettivament intuzaw ghall-progett ta' toroq u fil-15 ta' Dicembru 2000 infethu proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg tal-Artijiet dwar in-Notices to Treat relattivi.

**53.** Partijiet ohra minn din l-art gew rilaxxjati fil-mori ta' din il-kawza, u cioe` fl-10 ta' April 2001 u fit-13 ta' April 2003, ghalkemm irrizulta li parti kienet lahqet giet okkupata minn terzi.

**54.** Jidher li wara dan ir-rilaxx li sar f'April 2003 kien ghad hemm xi parti/partijiet ohra li kien ghad irid jigi determinat jekk jistghux jigu rilaxxjati jew le. Sat-22 ta' Mejju 2003[2] il-Kummissarju tal-Artijiet permezz ta' nota kien informa lill-Qorti li kien ghadu mhux f'pozizzjoni li jirrilaxxahom. Fin-nota tieghu tal-14 ta' Novembru 2005[3] imbaghad spjega li fl-2004 kienet giet irrilaxxjata xi art li qabel kienet qed tintuza bhala parti mill-*embellishment* u jikkonferma li kwalunkwe art li sa dak l-istadju kienet ghadha ma gietx rilaxxjata ghad ghandha uzu fl-interess pubbliku.

[2] Nota tal-Kummissarju tal-Artijiet tat-22 ta' Mejju 2003 – fol 46
[3] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Artijiet tal-14 ta' Novembru 2005 – fol 171 et seq

L-Aggravji:

**55.** Din il-Qorti tispjega li hija mhux ser tikkunsidra l-erba' (4) aggravji tas-socjeta` rikorrenti u t-tlett (3) aggravji tal-Kumissarju tal-Artijiet fl-istess ordni li gew sollevati, izda ser tikkunsidrahom f'dik l-ordni li fil-fehma taghha hija l-iktar opportuna.

**A. It-tielet aggravju tas-socjeta` rikorrenti Vica Ltd:**

*l-Avukat Generali huwa l-legittimu kuntradittur*

**56.** Din il-Qorti ser tibda biex tikkunsidra t-tielet aggravju tas-socjeta` rikorrenti Vica Ltd, u cioe` li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali li huwa mhux il-legittimu kontradittur u konsegwentement illiberatu mill-osservanza tal-gudizzju. Is-socjeta` Vica Ltd tissottometti li meta l-ewwel Qorti qieset din l-eccezzjoni hija "*naqset milli tikkunsidra l-ksur tad-dritt taghha ghal access jew Qorti jew tribunal sabiex ikun jista' jigi determinat id-dritt taghha ghal kumpens hekk kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta*".

**57.** Hija tilmenta li ghalkemm huwa minnu li jekk ikun hemm dipartiment tal-Gvern li jista' jirrispondi ghal talba maghmula quddiem Qorti huwa l-kap ta' dak id-dipartiment li ghandu jirrispondi u li ghandu jigi mharrek, huwa biss l-Avukat Generali li jista' jirrispondi ghall-allegazzjoni ta' nuqqas ta' access ghal Qorti jew tribunal ghad-determinazzjoni ta' drittijiet fejn dan in-nuqqas huwa konsegwenza ta' ligi. Hija zzid tghid li "din it-talba" ma tistax tigi diretta fil-konfront tal-intimati l-ohra[4] ghaliex tali nuqqas ta' access mhux konsegwenza tal-agir taghhom izda huwa konsegwenza ta' stat li gabet il-ligi billi kienet il-ligi li taghti dritt lill-Kummissarju sabiex jadixxi lill-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet ad eskluzjoni tas-sid.

[4] Effettivament mhux il-kaz li wiehed jitkellem fuq l-Avukat Generali u jsemmi "*l-intimati l-ohra*" ghaliex barra l-Avukat Generali hemm biss intimat wiehed u cioe` l-Kummissarju tal-Artijiet.

**58.** Jigi osservat pero` li fir-rikors kostituzzjonali taghha s-socjeta` Vica Ltd ma attakkat l-ebda ligi. Hija ma ghamlet l-ebda talba biex xi artikolu tal-ligi jigi dikjarat bla effett ghaliex huwa anti-kostituzzjonali. L-ilment kostituzzjonali taghha jikkonsisti fil-fatt li wara li ttehdilha l-pussess tal-art in kwistjoni, ghaddew iktar minn ghoxrin sena u z-zewg intimati (cioe` l-Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Generali) ma istitwew l-ebda proceduri relattivi ghall-hlas tal-kumpens li jaghmel tajjeb ghad-deprivazzjoni tal-proprjeta` tar-rikorrenti. L-ilment taghha fil-konfront tal-Kummissarju u tal-Avukat Generali jikkonsisti specifikament fil-fatt li huma (a) naqsu li jiddeciedu fir-rigward tal-kumpens dovut lilha u fil-fatt li huma (b) naqsu li jikkompensawha l-valur tal-art li huma esproprijaw mill-pussess taghha. Huwa dan l-"agir tal-intimati" li skont is-socjeta` rikorrenti Vica Ltd jammonta ghal ksur tad-drittijiet fundamentali taghha, u mhux l-ezistenza ta' xi ligi anti-kostituzzjonali.

**59.** Issa l-Artikolu 181B(2) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili jistipula li "*L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.*" In-natura tat-talba odjerna effettivament hija wahda li tista' tigi indirizzata kontra kap ta' dipartiment (cioe` l-Kummissarju tal-Artijiet) u ghalhekk a tenur tal-Artikolu 181B(2) mhux il-kaz li jigi mharrek ukoll l-Avukat Generali.

**60.** Kellha ragun ghalhekk l-ewwel Qorti meta laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali li huwa mhux il-legittimu kontradittur. Konsegwentement dan it-tielet aggravju tas-socjeta` rikorrenti huwa infondat.

**B. It-tieni aggravju tal-intimat il-Kummissarju tal-Artijiet**:

*l-ewwel Qorti interpretat b'mod zbaljat l-applikazzjoni tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-fatti tal-kaz odjern*

**61.** Il-Kummissarju tal-Artijiet jissottometti li l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jirreferu ghal proceduri li jkunu diga inbdew quddiem l-awtorita` gudizzjarja kompetenti u li jiehdu zmien irragonevoli biex jigu decizi finalment. Jargumenta li dawn l-artikoli ma jirreferux ghal dewmien fl-ikkompletar ta' atti amministrattivi.

**62.** Din il-Qorti thossha wisq perplessa b'dan l-aggravju tal-Kummissarju tal-Artijiet ghaliex l-ewwel Qorti fil-fatt laqghet il-hames eccezzjoni tieghu meta ddikjarat li dawn l-artikoli "*mhux applikabbli ghall-operat tal-Kummissarju tal-Artijiet ghalkemm naturalment applikabbli ghal dak li qed isir quddiem il-bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet*." Jekk xi parti kellha ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni kellha tkun is-socjeta` rikorrenti Vica Ltd (li fil-fatt hassitha aggravata b'din l-interpretazzjoni) u mhux propju l-Kummissarju tal-Artijiet innifsu!

**63.** Ghaldaqstant din il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ta' dan l-aggravju, li evidentement hu kagun ta' xi intendiment zbaljat da parti tal-Kummissarju tal-Artijiet tal-parti relevanti tas-sentenza appellata izda, naturalment, ser tiehdu in kunsidrazjoni ghall-finijiet tal-ispejjez tal-appell tieghu.

**C. It-tieni aggravju tas-socjeta` rikorrenti Vica Ltd**:

*l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huma applikabbli ghac-cirkostanzi odjerni*

**64.** Din il-Qorti ser issa tikkonsidra t-tieni aggravju tas-socjeta` Vica Ltd li jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**65.** L-ewwel Qorti irriteniet li l-agir tal-Kummissarju tal-Artijiet ma jistax jitqies bhala wiehed ta' Qorti jew awtorita` gudikanti u konsegwentement ikkonkludiet li l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-

Konvenzjoni Ewropea mhux applikabbli ghall-operat tal-istess Kummissarju tal-Artijiet.

**66.** Is-socjeta` rikorrenti hassitha aggravata b'din id-decizjoni ghaliex fil-fehma taghha it-tul ta' zmien li ha l-Kumissarju tal-Artijiet biex ikompli l-proceduri tal-esproprazzjoni jammonta ghal vjolazzjoni tad-dritt taghha ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli taht dawn iz-zewg artikoli. Da parti tieghu il-Kummissarju tal-Artijiet jargumenta li dawn l-artikoli ma jirreferux ghal dewmien fl-ikkompletar ta' atti amministrattivi.

L-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li :
"*Kull Qorti jew awtorita` ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem Qorti jew awtorita` ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli*."

**67.** Dan is-sub-artikolu ghalhekk jirreferi ghal proceduri quddiem "Qorti jew awtorita` ohra gudikanti" li jkunu diga "mibdija" u ma jikkontemplax sitwazzjoni fejn ikun hemm dewmien fl-ikkompletar ta' atti amministrattivi, bhal ma hu l-kaz in kwistjoni. Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz "**John Curmi nomine vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et"** deciza fis-26 ta' Gunju 2009 l-(App. Civ. 25/05) fil-fatt irriteniet illi: *"Dan id-dewmien tal-intimat milli jibda l-proceduri…. ma jgibx il-lezjoni tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni billi dan l-artikolu jipprospetta sitwazzjoni fejn il-proceduri quddiem Qorti jkunu gia` mibdija."*

**68.** Pero` dan ir-rekwizit, u cioe` li l-proceduri jkunu diga mibdija, ma jirrikorrix fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:
"*In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law*".

**69.** Ghall-finijiet ta’ dan l-artikolu, biex jigi stabbilit jekk il-proceduri ghad-determinazzjoni ta’ drittijiet jew obbligazzjonijiet civili jkunux hadu “zmien ragjonevoli” id-data li minnha jibda’ jigi komputat iz-zmien mhux necessarjament id-data li fiha jkunu nbdew il-proceduri rilevanti. Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fuq citat, **John Curmi nomine v. Il-Kummissarju tal-Artijiet et** fil-fatt irriteniet li l-fatt li l-Kummissarju tal-Artijiet dam biex beda l-proceduri jammonta ghal vjolazzjoni ta’ d-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli. “*Dan id-dewmien tal-intimat milli jibda l-proceduri jivvjola l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni in kwantu jammonta ghal privazzjoni minn access ghal tribunal imparzjali u indipendenti.*”

Naraw ukoll kif fil-kaz **Golder v. UK**[5] il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet li z-“zmien ragonevoli” jista’ jibda’ jiskatta anke qabel ma jinbdew il-proceduri quddiem Qorti jew tribunal. Hija spjegat li ghalkemm id-dritt ta’ smigh xieraq fi zmien ragonevoli ovvjament japplika ghal proceduri li jkunu diga nbdew, dan ma jfissirx li dan id-dritt ghal smigh xieraq jeskludi d-dritt li tali proceduri jinbdew. “*While the right to a fair, public and expeditious judicial procedure can assuredly apply only to proceedings in being, it does not, however, necessarily follow that a right to the very institution of such proceedings is thereby excluded*.” Hija rriteniet li hekk kif f’materja kriminali l-komputazzjoni taz-zmien ragonevoli jista’ jiskatta anke qabel ma jindbew il-proceduri quddiem Qorti jew tribunal, “*It is conceivable also that in civil matters the reasonable time may begin to run, in certain circumstances, even before the issue of the writ commencing proceedings before the court to which the plaintiff submits the dispute*.”

**70.** Fl-isfond ta’ dan l-insenjament din il-Qorti taghmel il-kunsiderazzjonijiet segwenti.

**71.** Is-socjeta rikorrenti kienet intitolata li tinghata access ghal Qorti appena tigi registrata kontestazzjoni bejn is-socjeta` rikorrenti u l-Kummissarju intimat dwar il-

---
[5] ECHR 21 ta’ Frar 1975

kumpens offrut lilha. Il-Kummissarju tal-Artijiet kien obbligat li jgharraf lis-socjeta` rikorrenti bil-kumpens li kien qieghed joffri fi zmien ragonevoli mid-data li fiha d-dikjarazzjoni tal-President li l-art in kwistjoni kienet mehtiega fl-interess pubbliku tingieb a konjizzjoni tal-pubbliku. Id-dikjarazzjoni tal-President ingiebet a konjizzjoni tal-pubbliku meta giet pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-16 ta' Mejju 1975. L-offerta ta' kumpens harget fl-Avviz ghall-Ftehim tal-5 ta' Frar 1980. Din, izda, waslet ghand is-socjeta` rikorrenti meta giet notifikata lilha aktar minn sentejn wara f'4 Novembru 1982 (fol 135 tal-process quddiem l-ewwel Qorti). Ma jirrizultawx ragunijiet validi ghaliex kien hemm dan id-dewmien sabiex jigi notifikat dak l-Avviz ghall-Ftehim. Issemma' li kellhom isiru indagnijiet twal u komplikati (ara affidavit ta' Margaret Falzon, fol 111 tal-istesss process) ghall-finijiet tal-provenjenza tat-titolu izda in vista tal-Artikolu 10 tal-Kap. 88 li jipprovdi ghall-possibilita` li l-proceduri jittiehdu fil-konfront ta' kuraturi li jigu nominati il-Qorti hi tal-fehema li din l-ispjegazzjoni ma hix sufficjenti. Il-kumpens offrut gie kontestat mis-socjeta` rikorrenti bl-ittra ufficjali tal-24 ta' Novembru 1982 (fol. 136 tal-istess process), ftit granet wara li gie notifikat l-Aviviz ghall-Ftehim u wiehed ragonevolment jistenna li l-istess kien jigri li kieku l-Avviz ghall-Ftehim gie notifikat bl-ispeditezza opportuna wara d-dikjarazzjoni tal-President tal-1975. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz din il-Qorti hi ghalhekk tal-fehma li l-perjodu rilevanti ghall-finijiet tal-komputazzjoni taz-zmien ragjonevoli ghad-determinazzjoni tad-drittijiet civili tas-socjeta` rikorrenti beda jiddekorri mis-16 ta' Mejju 1975.

**72.** Minn dik id-data l-Kummissarju tal-Artijiet dam hames snin biex johrog l-Avvizi ghall-Ftehim (5 ta' Frar 1980) u dam kwazi tlett snin ohra biex jinnotifika lis-socjeta` rikorrenti Vica Ltd bil-kumpens offrut (Novembru 1982). Minkejja li s-socjeta` rikorrenti kkuntestat il-kumpens offrut, il-Kummissarju baqa' ma ressaqx il-kaz quddiem il-Bord tal-Arbitragg. Kienet proprju din il-kawza kostituzzjonali li infethet fil-25 ta' April 2000 li donnha caqilqet xi ftit lill-Kummissarju tal-Artijiet, ghaliex ftit xhur wara, u cioe` fil-5 ta' Lulju 2000, inhareg Avviz ghall-

Ftehim[6], u fil-15 ta' Dicembru 2000, wara li l-kumpens gie rrifjutat mis-socjeta` rikorrenti, huwa finalment fetah il-proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg.

**73.** Dan l-agir rilassat u xejn rispettuz tad-drittijiet ta' haddiehor da parti tal-Kummissarju tal-Artijiet wassal biex il-procedura ghad-determinazzjoni tad-drittijiet civili tas-socjeta` rikorrenti twalet irragonevolment. Minn meta giet ippubblikata d-dikjarazzjoni presidenzjali (1975) sa ma infethu l-proceduri quddiem il-Bord (2000) ghaddew xejn inqas minn hamsa u ghoxrin sena u dan certament li mhux zmien "ragjonevoli". Ma hemmx dubju li l-Kummissarju tal-Artijiet cahhad lis-socjeta` rikorrenti mid-dritt taghha ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli fir-rigward tad-determinazzjoni tad-drittijiet civili taghha u dan bi vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

**74.** Tqum il-kwistjoni pero` li l-Artikolu 7 tal-Att tal-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropea jistipula li l-ebda ksur ta' drittijiet imwettaq qabel it-30 ta' April 1987 ma ghandu jaghti lok ghal tehid ta' azzjoni taht dan l-Att u ghalhekk din il-Qorti tista' ssib lezjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni b'effett biss mit-30 ta' April 1987. Madanakollu anke jekk wiehed jibda' jikkontja minn wara din id-data, xorta wahda jibqa' l-fatt li kien hemm inattivita` da parti tal-Kummissarju tal-Artijiet ghal tlettax-il sena, li fil-fehma ta' din il-Qorti fih innifsu huwa zmien esagerat u irragonevoli u ghalhekk in vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. L-irraggionevolezza taz-zmien traskors, imbaghad, jaggrava ruhu meta wiehed jiehu kont taz-zmien li kien gia ddekorra mis-16 ta' Mejju 1975 mil-liema data din il-Qorti sabet li beda jiddekorri z-zmien fir-rigward tad-determinazzjoni tad-drittijiet civili tas-socjeta rikorrenti.

**75.** Ghalhekk dan it-tieni aggravju tas-socjeta` attrici qed jigi milqugh in kwantu hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni b'effett mit-30 ta' April 1987 izda qed jigi

[6] Kif spjegat aktar 'il fuq, dan erronjament kien ikopri l-istess artijiet li kienu diga koperti bin-Notices to Treat tal-1980, ghalkemm kopra wkoll il-Plot 6B li incidentalment ma kienx kopert bin-Notices to Treat tal-1980.

michud fir-rigward tal-allegata interpretazzjoni zbaljata tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.

**<u>D. It-tielet aggravju tal-intimat il-Kummissarju tal-Artijiet</u>**:

*l-ewwel Qorti interpretat hazin l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-fatti tal-kawza odjerna*

**76.** L-ewwel Qorti kkonkludiet li d-“dewmien” jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tas-socjeta` rikorrenti kif protetti mill-Ewwel Protokol tal-Ewwel Artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

**77.** Il-Kummissarju tal-Artijiet isostni li f’dan l-istadju ma jistax jinghad li b’xi mod gew lezi d-drittijiet fundamentali tas-socjeta` rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjeta` taghha u dan anke jekk il-kumpens xieraq ghadu ma giex stabbilit mill-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet. Huwa jissottometti li huwa wara li tinghata d-decizjoni tal-Bord, li jekk is-socjeta` rikorrenti b’xi mod thoss li b’dik id-decizjoni gie lez xi dritt fundamentali taghha hija tista’ tagixxi taht dawn l-artikoli biex tinghata r-rimedju opportun. Di piu` jissottometti li apparti l-ammont li ghad irid jigi iffissat mill-Bord bhala kumpens gust u xieraq, is-socjeta` rikorrenti ser tircievi wkoll l-ekwivalenti ta’ 5% bhala danni u ghalhekk hija ser tigi kkumpensata ampjament ghat-tehid tal-proprjeta` taghha, liema kumpens huwa gust u proporzjonat ghall-piz li hija kienet imgieghlha ggorr.

<u>L-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni:</u>

**78.** Fil-parti rilevanti tieghu, l-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi hekk:
*“(1) Ebda proprjeta` ta’ kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b’mod obligatorju u ebda interess fi jew dritt fuq proprjeta` ta’ kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b’mod obbligatorju, <u>hlief meta jkun hemm dispozizzjoni tal-ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta’ pussess jew akkwist</u>:*

*(a) ghall-hlas* <u>*ta' kumpens xieraq*</u>*,*

*(b) li tizgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens* <u>*dritt ta' access lil Qorti jew tribunal*</u> *indipendenti jew imparzjali mwaqqaf b'ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-proprjeta` u l-ammont ta' kull kumpens li ghalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb hlas ta' dak il-kumpens, u*

*(c) li tizgura lil kull parti fi proceduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bhal dik* <u>*dritt ta' appell*</u> *mid-decizjoni taghha lill-Qorti tal-Appell f'Malta."*

**79.** Din il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta` rikorrenti ma setghetx tavvanza pretenzjonijiet kostituzzjonali a bazi ta' dan l-artikolu tal-Kostituzzjoni. L-esproprjazzjoni saret a bazi tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 88 u dawn huma mharsa bl-Artikolu 47(9) milli jiksru l-Artikolu 37 tal-istess Kostituzzjoni.

**80.** L-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi hekk:
"*Ebda haga fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma ghandha tolqot il-hdim ta' xi ligi fis-sehh minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 jew xi ligi maghmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi ligi fis-sehh minnufih qabel dik iddata (jew xi ligi li minn zmien ghal zmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu) u li ma –*

"*(a) izzidx max-xorta ta' proprjetà li jista' jittiehed pussess taghha jew id-drittijiet fuq u interess fi proprjetà lijistghu jigu miksuba;*

"*(b) izzidx mal-finijiet li ghalihom jew cirkostanzi li fihom dik il-proprjetà jista' jittiehed pussess taghha jew tigimiksuba;*

"*(c) taghmilx il-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dritt ghal kumpens jew l-ammont tieghu anqas favorevoli lil xi persuna li jkollha jew li tkun interessata fil-proprjetà; jew*

"*(d) tipprivax xi persuna minn xi dritt bhal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) jew paragrafu (c) tal-artikolu 37(1) ta' din il-Kostituzzjoni.*"

**81.** Issa l-Kapitolu 88 ilu fis-sehh minn hafna snin qabel it-3 ta' Marzu 1962. Din il-Qorti gia` kellha okkazjoni tispjega l-effett tal-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Dr Rene Frendo Randon et v. Il-Kummissarju tal-Art et** tal-10 ta' Lulju 2009, (App. Civ. Nru: 17/2002). F'dik is-sentenza din il-Qorti fissret li skont l-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni l-hdim ta' xi ligi fis-sehh minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 ma tistax tkun anti-kostituzzjonali fis-sens li tispekka kontra l-Artikolu 37, u l-istess jinghad ghal xi att li jemenda jew jissostitwixxi xi ligi maghmula f'dik id-data jew wara purche□ li tali att ma jkunx jaghmel xi wahda mill-affarijiet imsemmija fil-paragrafi (a) sa (d) tal-Artikolu 47(9). Il-Qorti kompliet tghid hekk:
"*Ghalhekk il-paragrafi (a) sa (d) huma rilevanti biss fil-kuntest ta' xi ligi li temenda jew li tissostitwixxi xi ligi fis-sehh qabel it-3 ta' Marzu 1962. Ma hemmx dubju li l-Kap. 88 gie emendat wara din id-data, izda r-rikorrenti f'ebda hin ma ndikaw xi emenda li b'xi mod taqa' taht xi wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) tal-Artikolu 47(9). Ghalhekk l-unika konkluzjoni li wiehed jista' jasal ghaliha hija li d-dispozizzjonijiet tal-Kap. 88 li tahtu saret l-ordni tal-esproprjazzjoni de quo huma kollha salvati bl-Artikolu 47(9) milli jiksru l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni*."

**82.** Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-Kap 88 kien ligi li fil-kaz odjern pprivat lir-rikorrenti mid-dritt imsemmi fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u li ghalhekk dik il-ligi kienet eskluza mill-applikazzjoni tal-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni. Izda fl-ewwel lok dak li hu eskluz mill-applikabilita` tal-Artikolu 47(9) ma hix kull ligi li tista' *per ipotesi* tikser l-artikolu 37(b) izda biss xi ligi maghmula fi jew wara t-3 ta' Marzu 1962 u li temenda jew tissostitwixxi l-Kap. 88 u li tippriva xi persuna minn xi dritt bhal dak msemmi fl-Artikolu 37(1)(b). Kif rilevat fis-sentenza **Dr Rene Frendo Randon et v. Il-Kummissarju tal-Art et**, il-Kap 88 ma hux ligi bhal din u ilu fis-sehh ferm

qabel id-data msemmija. Anqas gie muri li d-dewmien li ha l-Kummissarju biex jiehu l-procedimenti opportuni fil-kaz ta' llum kien dovut ghal xi ligi li temenda jew tissostitwixxi l-Kap 88. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta rriteniet li l-Kap 88 kien ligi eskluza mill-applikabilita` tal-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni.

**83.** Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta rriteniet li l-Kap 88 kienet ligi eskluza mill-applikabilita` tal-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni. Ghaldaqstant t-tehid tal-proprjeta` li f'dan il-kaz sar taht il-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta ma jistax jigi misjub anti-kostituzzjonali taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan ghaliex huwa mhares bl-Artikolu 47(9) tal-istess Kostituzzjoni.

<u>L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea:</u>

**84.** L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea fil-parti rilevanti tieghu jipprovdi hekk:
"*Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions. No one shall be deprived of his possessions except in the public interest and subject to the conditions provided for by law and by the general principles of international law.*"

**85.** Fir-rigward ta' dan l-artikolu, ma hemm ebda dispozizzjonijiet simili ghall-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u filwaqt li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jirrikjedi li t-tehid tal-proprjeta` jkun regolat b'ligi li tipprovdi ghall-hlas ta' kumpens xieraq, ma hemm l-ebda riferenza esplicita ghall-hlas tal-kumpens xieraq fl-Artikolu 1 tal-ewwel Protokol.

**86.** Madanakollu din l-istess Qorti f'**Dr David Tonna et v. Kummissarju tal-Artijiet** (deciza fit-3 ta' Marzu 2011, App. Civ. Nru: 32/06) spjegat kif ghalkemm dan l-artikolu ma jipprovdix espressament ghall-kumpens, "*however the existence and extent of compensation is a material factor in the balance of the general interest and private rights, otherwise the protection of Article 1 of Protocol No 1*

*against confiscations would be illusory and ineffective*."[7] Irreferiet ukoll ghall-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick[8] li jispjegaw dan il-principju hekk: "*While it is clearly established under the Convention that nationals may not take advantage of the substance of 'the general principles of international law' to protect them against the consequences of deprivation of their property by their own state, the Court has not left such people bereft of protection. What it has said is that the need for a "fair balance" between the public and the private interest that runs through Article 1 of the First Protocol requires, in all but the exceptional case, some compensation.*" Ghalhekk il-fatt li ma jithallasx kumpens meta tittiehed il-proprjeta` huwa fattur determinanti ghall-Qorti meta tigi biex tiddeciedi jekk inzammx bilanc bejn l-interess privat u l-interess generali. Issemmi wkoll li fattur li jrid jittiehed in kunsiderazzjoni huwa li "*compensation for loss sustained could only constitute adequate reparation where it also took into account damage arising from length of deprivation. It had moreover to be paid within a reasonable time*."[9] Dan certament li ma kienx il-kaz fir-rigward tac-cirkostanzi odjerni.

**87.** Fil-fehma ta' din il-Qorti dan id-dewmien jammonta ghal ksur tad-dritt ta' proprjeta` tas-socjetà rikorrenti taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ghaliex is-socjetà rikorrenti ilha ghal dawn is-snin kollha mcahhda mill-proprjeta` taghha minghajr ma hadet kumpens u ghalhekk il-"bilanc" bejn l-interess taghha u l-interess generali ma nzammx. Dan qed jinghad kemm fir-rigward tal-partijiet li gew utilizzati ghall-progett tat-toroq, kif ukoll fir-rigward tal-partijiet li gew rilaxxati fl-2001 u fl-2003 rispettivament meta gie determinat definittivament li ma kienx hemm uzu ghalihom, u wkoll fir-rigward ta' dik l-art li skont ma spjega l-Kummissaru tal-Artijiet fin-nota tieghu kienet tintuza bhala parti mill-*embellishment* u giet rilaxxjata fl-2004. Ghalkemm dawn l-artijiet finalment regghu spiccaw ghand is-socjeta` rikorrenti, xorta wahda

[7] Application 12736/87. K. Reid Practitioner's Guide to the ECHR 3rd Ed. Page 313.
[8] Harris, O'Boyle & Warbrick. Law of the European Convention on Human Rights 2nd Ed. Page 680.
[9] Guillemin vs France (App. 19632/92 - 1998) u Jucys vs Lithuania (App. 5457/03 - 2008)

kien hemm lezjoni tad-dritt fundamentali taghha kif protett taht dan l-Artikolu ghal zmien konsiderevoli. Hija giet imcahhda mill-godiment ta' dawn l-artijiet minghajr ma inghatat kumpens ghal dan iz-zmien kollu.

**88.** Dan l-aggravju tal-Kummissarju tal-Artijiet ghalhekk qed jintlaqa' in kwantu jirrigwarda l-interpretazzjoni zbaljata da parti tal-ewwel Qorti tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, izda qed jigi michud fir-rigward tal-allegata interpretazzjoni zbaljata tal-ewwel Qorti tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea.

**E. L-ewwel aggravju tal-intimat il-Kummissarju tal-Artijiet:**

*l-interpretazzjoni moghtija mill-ewwel Qorti tal-mument meta jsir l-esproprju u t-tehid tal-proprjeta` ma kinitx wahda korretta; l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol mhux applikabbli ghaliex it-tehid sar qabel l-1987*

**89.** Il-Kummissarju tal-Artijiet jissottometti li l-esproprjazzjoni hija azzjoni instantanja u mhux kontinwa. Jargumenta li l-esproprjazzjoni ssehh wara li jghaddu erbatax-il gurnata[10] mill-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni presidenzjali fil-Gazzetta tal-Gvern. Huwa jsostni li wara t-trapass ta' dan il-perjodu ta' erbatax-il gurnata d-drittijiet tal-proprjetarju jispiccaw u ghalhekk id-dritt ta' proprjeta` li jipprotegi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea jkun ittiehed mat-trapass tal-erbatax-il gurnata. Huwa jirreferi ghall-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea li jipprovdi li l-ebda ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali imwettaq qabel it-30 ta' April 1987 ma ghandu jaghti lok ghat-tehid ta' azzjoni taht l-istess Konvenzjoni.

**90.** Il-Kummissarju jaghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija mill-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-kawza fl-ismijiet "**Dr Rene Frendo Randon et v. Il-Kummissarju tal-Art"** deciza fl-20 ta' Ottubru 2008 (17/2002) fejn il-Qorti rriteniet li "*Mhux korretta s-sottomissjoni tar-rikorrenti*

[10] L-erbatax-il gurnata msemmija fl-Artikolu 12(2) tal-Kapitolu 88.

*li l-esproprju ghadu ma sehhx peress li ghadu ma sarx il-kuntratt finali*. *Wara l-imsemmija dikjarazzjoni, skond il-kaz, tal-Gvernatur Generali jew tal-President tar-Repubblika, s-sidien li l-art taghhom gie esproprjata, jifdlilhom biss id-dritt li jithallsu kumpens xieraq ghall-istess art esproprjata*." Din il-Qorti tosserva li din is-sentenza citata mill-Kummissarju tal-Artijiet giet appellata u revokata fil-parti kbira taghha. Ghalhekk kien ikun aktar pertinenti li kieku l-Kummissarju tal-Artijiet ghamel minnflok riferenza ghal dak li rriteniet din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-appell mis-sentenza msemmija fejn stqarret li:

"*Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma taqbilx li l-mument krucjali relatttiv ghall-fatt jekk kienx jezisti jew le "interess pubbliku" hu l-mument tal-esproprju. Kif gie rilevat fis-sentenza ta'* ***Pawlu Cachia v. Avukat Generali et*** *deciza minn din il-Qorti (diversament komposta) fit-28 ta' Dicembru 2001, l-interess pubbliku irid jissussisti mhux biss fil-mument tad-dikjarazzjoni tal-esproprjazzjoni, imma jrid "jibqa' jissussisti sal-mument meta l-art ghaddiet definittivament f'idejn l-Istat bit-temm tal-proceduri tal-esproprjazzjoni*"*.*

**91.** Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza ta' din l-istess Qorti Kostituzzjonali, diversament presjeduta, fil-kawza "**Francis Bezzina Wettinger et vs Kummissarju tal-Artijiet**" (App. Civ. Nru: 691/99, deciza fl-10 ta' Ottubru 2003) fejn gie ritenut li *"…darba li l-att ta' akkwist tal-art de quo ghadu ma giex iffinalizzat sa llum, allura l-procedura ta' esproprjazzjoni ghadha 'in corso' u kwindi hija sindakabbli mill-qrati*." u ghal dak li gie ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Pawlu Cachia v. Avukat Generali et.** fejn intqal li:

"*Din il-Qorti allura hi tal-fehma li l-ewwel Qorti korrettement evalwat il-portata tad-dikjarazzjonijiet tal-Gvernatur Generali li ppromulgaw il-hsieb tal-Gvern li jesproprja l-proprjeta` in kwistjoni mhux bhala att istantaneju imma bhala l-ewwel att ta' process kontinwat illi kien ghadu mhux mitmum u li konsegwentement, jekk jirrizulta illi f'xi zmien sakemm jigi finalment rejalizzat kien leziv tal-jedd fondamentali tar-rikorrent, seta' jwassal ghal*

*dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni kemm tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-Konvenzjoni.*"

**92.** Fil-kaz odjern is-socjeta` rikorrenti Vica Ltd ghadha ma nghatatx kumpens ghall-proprjeta` li ttehditilha l-pussess taghha minkejja l-fatt li ghaddew dawn is-snin kollha u ghalhekk il-konsegwenza diretta tad-dikjarazzjoni tal-esproprjazzjoni ghadha pendenti: il-lezjoni tad-dritt taghha kif protett taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ghadu jissussisti.

**93.** In vista ta' dak li gia` inghad dwar l-effett tal-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, izda, l-ksur tad-dritt tas-socjeta` rikorrenti taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea irid jitqies b'effett mit-30 ta' April 1987.

**94.** Ghal dawn il-motivi dan l-aggravju tal-intimat il-Kummissarju tal-Artijiet huwa infondat.

**<u>F. L-ewwel aggravju tar-rikorrenti s-socjeta` Vica Ltd:</u>**

*l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra l-pozizzjoni tal-intimati fil-konfront ta' dawk il-partijiet li huma hallew inutilizzati jew li gew okkupati minn terzi*

**95.** Is-socjeta` rikorrenti Vica Ltd hassitha aggravata bil-fatt li ghalkemm l-ewwel Qorti sabet li kien hemm vjolazzjoni tad-drittijiet taghha taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma kkunsidratx x'inhi l-pozizzjoni fir-rigward ta' dawk il-partijiet li thallew <u>inutilizzati</u> jew li gew <u>okkupati minn terzi</u>.

**96.** Fl-ewwel lok ghandu jigi pprecizat li, kif diga spjegat din il-Qorti fil- kunsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tat-tielet aggravju tal-Kummissarju tal-Artijiet (kuntrarjament ghal dak li ddecidiet l-ewwel Qorti) id-dewmien biex jigu finalizzati l-proceduri tal-esproprjazzjoni ghalkemm jammonta ghal vjolazzjoni tad-dritt tal-proprjeta` tas-socjeta rikorrenti taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol, ma

jammontax ghal vjolazzjoni tad-dritt tal-proprjeta` tas-socjeta` Vica taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

**97.** Fir-rigward ta' dan l-aggravju tas-socjeta` Vica Ltd, u cioe` li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt tal-godiment tal-proprjeta` taghha mhux biss minhabba li ttehdilha l-pussess tal-proprjeta` taghha ghal snin twal minghajr kumpens izda wkoll minhabba li fir-rigward tat-tehid ta' xi partijiet tal-art qatt ma kien hemm interess pubbliku, ghandu jigi rilevat li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni wkoll mhux applikabbli ghaliex kif diga gie spjegat, it-tehid tal-proprjeta` li sar taht il-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta ma jistax jigi misjub bhala anti-kostituzzjonali taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan ghaliex huwa protett taht l-Artikolu 47(9). Din il-Qorti ghalhekk ser tezamina dan l-aggravju fir-rigward biss tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol.

**98.** Fl-affidavit tieghu[11], Vincent Camilleri, direttur tas-socjeta` rikorrenti Vica Ltd jaghmel riferenza ghall-pjanta esebita a fol 40 tal-process u jispjega liema bicciet art gew effettivament utilizzati mill-Gvern u dawk li ma gewx hekk utilizzati kif ukoll l-art li giet rilaxxjata. Parti mill-art giet rilaxxata b'dikjarazzjoni presidenzjali (Avviz Nru 317[12]) tal-10 ta' April 2001 u b'dikjarazzjoni presidenzjali ohra (Avviz Nru 376[13]) tat-13 ta' April 2003 gew rilaxxjati zewg plots ohra 4D[14] u 6G. Fl-affidavit tieghu Vincent Camilleri jispjega li l-plot 6G kienet giet okkupata minn terzi (il-kumpless tal-Phoenix Home Appliances[15]) u li dawn bnew kumpless kummercjali fuqha.

**99.** Dwar xi parti/partijiet ohra li baqghu ma gewx irrilaxxjati wara t-13 ta' April 2003 hemm in-nota tal-Kummissarju tal-Artijiet li gietipprezentata fit-22 ta' Mejju 2003[16] li permezz taghha huwa jipjega li *"…huwa mhux*

[11] Affidavit tal-4 ta' Awwissu 2003, fol 55-59
[12] Fol 64
[13] Fol 102-103
[14] Fil-verbal tal-ewwel qorti tat-2 ta' Marzu 2004 gie vverbalizzat li kien sar ir-rilaxx ta' 4D izda mhux ta' 4E u 4F li huma necessarji ghat-triq, u li precedentement il-4D, 4E u 4F kienu 4A.
[15] Fil-fatt fir-rigward ta' din il-bicca art, Vincent Camilleri xehed li s-socjeta` Vica Ltd bdiet proceduri l-qorti kontra kemm Phoenix Appliances Ltd kif ukoll id-Dipartiment tal-Artijiet. (68/2003)
[16] Fol 46

*f'pozizzjoni illi jirrilaxxa l-art mertu ta' din il-kawza jew xi parti minnha u dan stante li s-Central Malta Local Plan" ghadu ma giex* in vigore *u qed jigi evalwat mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar liema Awtorita` qeghdha wkoll, fil-kors tal-process ta' konsultazzjoni pubblika, tikkunsidra xi talbiet ghal emedi (sic) fl-istess*".

**100.** Imbaghad fin-nota tas-sottomissjonijiet tieghu tal-14 ta' Novembru 2005[17] il-Kummissarju tal-Artijiet spjega li fir-rigward ta' porzjon art li kienet qeghdha tintuza bhala *landscape*, bhala parti mill-*embellishment*, gie deciz li tigi rilaxxjata u "*Fil-fatt din l-art giet rilaxxjata fl-2004*." (Ghalkemm ma giet ipprezentata l-ebda dikjarazzjoni presidenzjali f'dan is-sens). Huwa zied jghid li *"…jopponi kwalunkwe talba ghar-rilaxx tal-artijiet li sa issa ghadhom ma gewx rilaxxati u dan minhabba l-uzu fl-interess pubbliku li ghad ghandhom*."

**101.** Fir-rigward tal-bicciet art li ma gewx uzati, is-socjeta` rikorrenti ssostni li kien hemm esproprjazzjoni minghajr interess pubbliku, u li dan jammonta ghal vjolazzjoni ohra tad-drittijiet kostituzzjonali taghha. Fit-trattazzjoni taghha id-difensur tas-socjeta` rikorrenti ipprecizat li hawnhekk is-socjeta` rikorrenti qed tirreferi ghal dawk il-partijiet li fil-fatt qatt ma ntuzaw: la ghat-toroq, la ghall-*embellishment* u lanqas ghall-*embankment*. Hija tikkonferma li dan l-aggravju huwa fir-rigward tal-partijiet ta' art li ma ntuzawx u liema partijiet fil-fatt gew ritornati.

**102.** Fis-sentenza taghha tat-28 ta' Dicembru 2001 fl-ismijiet **Pawlu Cachia v. Avukat Generali et** din il-Qorti rriteniet illi "…*l-interess pubbliku kellu jibqa' jissussisti sa dakinhar li jigi pubblikat (dak) il-kuntratt. Jekk l-interess pubbliku ghal xi raguni jisfuma, jew ma jkunx ghadu jezisti u l-Istat jibqa' jzomm il-proprjeta` f'idejh bla raguni valida, hu kien minn dak il-mument jivvjola l-jedd fundamentali tal-individwu ghat-tgawdija ta' dawk il-possedimenti tieghu*."

---
[17] Fol 172

**103.** Il-fatt li proprjeta` tittiehdet mill-istat u tibqa' ma tintuzax ma jfissirx li ma kienx hemm interess pubbliku fil-mument li ttiehdet l-art. Il-Kummissarju tal-Artijiet jispjega li mhux l-ewwel darba li fit-twettiq ta' progett ta' bini ta' toroq l-esproprjazzjoni inizjali tkun tikkomprendi medda ta' art ikbar minn dik li eventwalment tintuza u dan xi kultant ukoll biex jigu akkommodati l-htigijiet tax-xoghlijiet u t-tibdil li jkollu jsir maz-zmien fil-progett innifsu. Din il-Qorti tifhem li f'progett ta' toroq ta' dawn il-proporzjonijiet mhux facli li jigi kkonstatat ezatt l-ammont ta' art li effettivament hemm bzonn li tigi uzata, u wkoll li fil-kors tax-xoghlijiet hija haga normali li jinbidlu l-htigijiet u konsegwentement ikollu anke jsir xi tibdil fil-pjanijiet originali tal-progett.

**104.** Fil-kaz odjern Vincent Camilleri mis-socjeta` rikorrenti spjega kif mill-1975 sal-2000 kien kiteb u kellem lil diversi impjegati tad-Dipartiment tal-Artijiet u dawn kienu jghidulu li l-fajl tieghu kien qed jigi pprocessat u kienu ghadhom ma jafux liema partijiet tal-proprjeta` kienu ser jintuzaw u liema le, u dan peress li kien hemm hafna porzjonijiet. Eventwalment il-plot 5C gie rrilaxxjat f'April 2001 u l-plots 4D u 6G f'April 2003. F'dak l-istadju kien ghadu ma giex determinat jekk kienx hemm xi bicciet ta' art ohra li setghu jigu rilaxxjati ghax ma kinux mehtiega.

**105.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fatt li r-rilaxx tal-plot 5C u tal-plots 4D u 6G sar fi stadji differenti, u l-fatt li ezatt wara dan ir-rilaxx l-Kummissarju kien spjega li ghadu "mhux f'pozizzjoni" li jirrilaxxja xi parti/partijiet ohra[18], jindika li l-Kummissarju kien qieghed izomm is-sitwazzjoni taht sorveljanza kontinwa biex jiddetermina jekk l-interess pubbliku fir-rigward tal-art li ttiehdet ghadux jissussisti qabel ma jiehu l-pass li jirrilaxxjaha. Jidher li kif il-Kummissarju tal-Artijiet kien sodisfatt li bicca art partikolari ma kinitx mehtiega, din giet fil-fatt giet rilaxxjata. Fir-rigward tal-porzjon art li giet rilaxxjata izda li lahqet giet okkupata minn terzi is-socjeta` rikorrenti ssostni li din zgur li qatt ma kien hemm bzonnha. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Irrispettivament mill-okkupazzjoni da parti ta' terzi xorta seta' eventwalment gie deciz li dik il-

[18] Fol 46

porzjoni tal-art kienet fil-fatt mehtiega u ghalhekk b'dik l-okkupazzjoni ma jigix nieqes l-interess pubbliku li kien jissussisti fil-mument li ttiehed il-pussess tal-art mill-Istat.

**106.** Il-lezjoni tal-jedd fundamentali tal-individwu ghat-tgawdija tal-proprjeta` tieghu torigina mill-mument meta jkun gie determinat definittivament li l-proprjeta` mhix mehtiega ghall-progett izda l-Istat jippersisti filli jippossjedi l-art. Huwa f'dak il-mument li jigi nieqes in-ness mehtieg mill-Konvenzjoni bejn l-impussessament tal-art mill-Istat u l-interess pubbliku li jrid jimmotivah u li jirrizulta f'lezjoni tad-dritt fundamentali tal-proprjetarju spossessat.[19] Fic-cirkostanzi dan ma jirrizultax li kien il-kaz hawnhekk. Anzi li jirrizulta hu li malli kien maghruf li porzjon art in partikolari ma kinitx mehtiega ghall-progett tat-toroq din giet rilaxxjata, u ghalhekk ma baqghetx tinzamm abuzivament u arbitrarjament. Meta gie determinat li l-interess pubbliku ma baqax jissussisti, l-artijiet relattivi gew rilaxxjati. Ghalhekk ma jirrizultax lil din il-Qorti li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea f'dan ir-rigward. Ghal dawn ir-ragunijiet dan l-ewwel aggravju tas-socjeta` Vica Ltd jirrizulta infondat.

## **G. Ir-raba' aggravju tas-socjeta` rikorrenti Vica Ltd:**

*ir-rimedju*

**107.** Is-socjeta` rikorrenti Vica Ltd tissottometti li hija ghandha dritt ghal rimedju adegwat u effettiv li jirrispondi ghall-vjolazzjoni tad-drittijiet kostituzzjonali taghha b'mod li jipprovdi riparazzjoni. Din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti fil-parti tas-sentenza taghha D9 li jittratta dwar ir-"rimedju" effettivament ma tat l-ebda provvediment f'dan ir-rigward. Sempliciment semmiet x'inhu dak li kienet qeghda tippretendi s-socjeta` rikorrenti fin-nota taghha, (fil-fatt ikkwotat partijiet min-nota) izda ma ghamlet l-ebda kunsiderazzjonijiet fir-rigward. Fid-"decide" imbaghad sempliciment iddikjarat li d-dewmien jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tas-socjeta` rikorrenti kif protetti

[19] Pawlu Cachia v. Avukat Generali et, Qort Kostituzzjonali, 28.12.2001

mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni (inkluz id-dewmien mill-Bord a tenur tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni).

**108.** Ghar-ragunijiet spjegati aktar 'il fuq din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li gew lezi biss l-Artikoli 6 u l-Artikolu 1 tal-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea.

**109.** Il-Kummissarju tal-Artijiet isostni li l-iskop tad-dispozizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa sabiex jigu stabbilit "*standards*" u li l-Qorti mhux obbligata li tistabbilixxi danni f'dawn il-kazijiet li jirrigwardaw allegata vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali. Din il-Qorti, izda, tirritjeni li f'kazijiet bhal dak odjern il-proceduri kostituzzjonali ghandhom il-ghan illi jindirizzaw il-lezjoni tad-dritt fundamentali billi kemm jista' jkun ipoggu lic-cittadin f'pozizzjoni daqs li kieku dak il-ksur qatt ma sehh. Jekk wiehed irid jitkellem fuq *standards* allura dak stabbilit minn din il-Qorti f'kazijiet simili ghal hu fis-sens li ghandu jinghata kumpens pekunjarju ghal-lezjoni sofferta.

**110.** Il-Kummissarju tal-Artijiet jaccenna wkoll ghall-fatt li apparti l-ammont li ser jigi ffissat mill-Bord bhala kumpens gust u xieraq, is-socjeta` rikorrenti ser tircievi wkoll l-ekwivalenti ta' 5% bhala "danni" li jigi mhallas mid-data tat-tehid fiziku tal-art sal-hlas u ghalhekk jargumenta li r-rikorrent ser jigi kkumpensat ampjament u proporzjonalment ghat-tehid tal-proprjeta`. Ghandu jinghad pero` li l-5% huma sempliciment imghaxijiet stabbiliti mil-ligi. Kif giet ritenut f'**L-Avukat Dr Rene Frendo Randon et v. Il-Kummissarju tal-Art et**, (App. Civ Nru: 17/2002) "*Il-fatt li l-Kummissarju appellant irid ihallas l-interessi ossia imghaxijiet ghal kull dewmien mhux sufficjenti biex jissodisfa n-ness ta' proporzjonalita`, ghaliex mhux gust li sid ta' art jithalla fil-limbu u fil-frustrazzjoni ghal ghexieren ta' snin, meta huwa seta jinvesti huwa stess u bl-ahjar mod li jidhirlu huwa, il-kumpens li kien dovut lilu ghall-esproprjazzjoni*."

**111.** Fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemm l-ebda raguni legittima ghaliex il-procedura tal-esproprjazzjoni odjerna

kellha ddum dawn is-snin kollha. Dan id-dewmien jammonta ghal :

(1) “ksur tad-dritt tas-socjeta` rikorrenti ghall-godiment tal-proprjeta` taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, u wkoll
(2) “ksur tad-dritt taghha ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli fir-rigward tad-determinazzjoni tad-drittijiet civili taghha u dan bi vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea .

**111.** Jigi precizat li fir-rigward tal-art li giet utilizzata ghall-progett tat-toroq il-ksur ravvizat tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ipperdura mit-30 ta’ April 1987 sa llum waqt li fir-rigward tal-partijiet li gew rilaxxjati il-ksur ipperdura mit-30 ta’ April 1987 sad-data tar-rilaxx rispettivi taghhom. In kwantu ghall-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, il-ksur ravvizat jirrigwarda l-perjodu mit-30 ta’ April 1987 sal-15 ta’ Dicembru 2000, data li fiha l-Kummissarju tal-Artijiet fetah il-proceduri quddiem il-Bord, u dan fit-termini tar-rikors promotorju ta’ dan il-gudizzju.

**112.** Wara li ikkunsidrat id-drittijiet fundamentali kollha li fil-fehma ta’ din il-Qorti gew lezi kif fuq spjegat, u wara li din il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-estensjoni tal-artijiet in kwistjoni u t-tul ta’ zmien tal-lezjonijiet imsemmija b’riferenza ghall-artijiet rispettivi, il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti appellanti ghandhom jinghatalhom kumpens ghal danni morali ta’ ghaxart elef euro (€10,000).

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi (1) tikkonferma s-sentenza appellata fejn illiberat lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju u safejn konsistenti ma’ dak li ser jigi hawn deciz (2) tiddeciedi li ma ssibx li kien hemm ksur tal-Artikoli 37 u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta izda (3) ssib li kien hemm ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-

istess Konvenzjoni b'effett mit-30 ta' April 1987 u dan ghar-ragunijiet moghtija u fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet maghmula aktar qabel f'din is-sentenza (4) tillikwida l-ammont ta' ghaxart elef euro (€10,000) bhala danni morali u tikkundanna lill-Kummissarju tal-Artijiet ihallas lis-socjeta` rikorrenti Vica Limited din is-somma hekk likwidata u (5) thassar is-sentenza appellata in kwantu u safejn ma hix konsistenti ma' dak hawn deciz, u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-appell tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jithallsu bin-nofs bejn l-istess socjeta` attrici u l-Kummissarju tal-Artijiet.

L-ispejjez tal-appell tal-Kummissarju tal-Artijiet ghandhom jithallsu *in toto* mill-istess Kummissarju tal-Artijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------